# *MAESTRO DI CAPPELLA* FIL-MOSTA:

# PIETRO PAOLO BUGEJA (1772 - 1828)



*minn Noel D'ANASTAS*

Din is-sena taħbat il-170 sena mill-mewt ta' wieħed mill-kompożituri l-aktar prolifiċi fi ħdan il-mużika sagra ta' Malta tul tmiem is-seklu 18 u l-ewwel snin tas-seklu l-ieħor: il-*Maestro di Cappella* PIETRO PAOLO BUGEJA, li għal bosta snin mexxa l-mużika fil-festa ta' Santa Marija Assunta fil-Mosta. Pietro Paolo Bugeja huwa missier dinastija ta' kompożituri u mużiċisti li isimhom baqa' magħruf l-aktar għall-antifoni u innijiet fil-jiem ta' bosta festi ċċelebrati f'Malta u Għawdex.

Imwieled il-Belt Valletta fid-29 t'April 1772, iben Salvatore u Gaetana, imwielda Bugeja, ġie mgħammed l-għada fil-knisja kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu, il-Belt.[1] L-ewwel tagħlim mużikali ħadu mingħand Francesco Azopardi, kompożitur u *Maestro di Cappella* tal-kattidral. Ta' dsatax-il sena telaq lejn Napli biex ikompli jissaħħaħ fl-idjoma mużikali. Kienet l-istess belt li fiha kienu diġa studjaw numru kbir ta' Maltin. Skond Robert Mifsud Bonnici, Bugeja studja fil-konservatorju ta' San Onofrio ta' Napli, l-istess wieħed li studja fih Francesco Azopardi xi snin qabel.[2] Hemmhekk dam sitt snin sħaħ u kellu wkoll il-kariga ta' *Maestro di Cappella* fil-knisja ta' San Ivo.

F'din il-belt ikkompona l-ewwel quddiesa tiegħu b'dedika lil San Ivo u quddiesa oħra ddedikata lil Sant'Irene, patruna ta' l-istess konservatorju. Barra minn art twelidu, Bugeja xtaq li jimxi skond in-normi ta' dak iż-żmien kif kien għamel qablu **Nicolo` Isouard.** Din ix-xewqa kompliet fl-1794 meta għall-ewwel darba fit-Teatro della Pergola f'Firenze saret il-rappreżentazzjoni ta' l-opra Taljana b'żewġ atti ta' Isouard, test ta' Francesco Gonella, ***L'Avisso ai Maritati***. L-istil mużikali ta' Isouard għoġob is-sentimenti ta' Bugeja u wasslu biex ħajru jikteb xogħol simili.

Lura Malta fl-1797, sena qabel l-imblokk Franċiż, Bugeja ntefa' wkoll jikteb mużika sagra. Fi żmien il-ħakma Franċiża, hu kien sostitut ta' Francesco Azopardi fil-knisja konventwali ta' San Ġwann fil-Belt. Wara l-mewt ta' Azopardi fi Frar 1809, Bugeja kien is-suċċessur tiegħu b'salarju ta' 360 skud fis-sena għas-servizz fil-kattidral u 350 skud għas-servizz fil-kon-kattidral ta' San Ġwann. Din il-kariga dam fiha sakemm miet f'Ġunju 1828.[3] Bħal *Maestri di Cappella* preċedenti, hu kien ordnat jikkomponi xogħol sagru u b'hekk ħalla fil-ġenb l-element profan.

Barra s-servizz kontinwu fil-kattidral ta' l-Imdina u fil-kon-kattidral ta' San Ġwann, Pietro Paolo kien magħruf f'bosta knejjes u parroċċi f'diversi festi titolari u sekondarji. Bejn l-1815 u l-1824, hu mexxa l-mużika fil-festa ta' Santa Katerina fil-knisja arċipretali taż-Żurrieq. Fl-ewwel sena tiegħu, l-prokuratur Dun Ġużepp Farrrugia ħallsu 114-il skud u 8 irbajja'. Fl-1815, Bugeja mexxa l-mużika fil-festa ta' Santa Marija fil-knisja matriċi f'Għawdex u tħallas 40 skud. Reġa' ħa sehem fl-istess festa fl-1827.



*Il-konservatorju **San Onofrio** f'Napli.*

## *MAESTRO DI CAPPELLA* FIL-MOSTA

Għal diversi snin, il-mużika fil-festa ta' Santa Marija fil-Mosta kienet f'idejn il-*Maestro di Cappella* tal-kattidral. Billi fil-kattidral kienet tiġi ċċelebrata wkoll il-festa ta' Santa Marija Assunta, ma kinitx ħaġa bi kbira li l-*Maestro di Cappella* tal-kattidral kien jibgħat xi ħadd ieħor minfloku fis-servizz fl-irħula l-oħra.

Wara l-mewt tal-*Maestro di Cappella* Francesco Azopardi, laħaq Pietro Paolo Bugeja u l-ewwel servizz tiegħu fil-festa titolari ta' Santa Marija Assunta fil-Mosta kien dak tal-1809. Il-prokuratur Dun Marino Galea ħallas lil Bugeja 78 skud u 4 irbajja' għal quddiesa, it-tieni għasar, għat-trasport bil-kaless, pranzu u biex inġab u ttieħed lura l-kontrabaxx.[4] Dan il-ħlas kien għola minn dak mogħti lil Francesco Azopardi sena qabel mill-istess prokuratur - 66 skud u 9 irbajja' għal matutin, quddiesa, it-tieni għasar u purċissjoni.[5] Fl-aħħar sena ta' Azopardi, l-prokuratur nefaq 35 skud għall-akkomodatura ta' l-orgni mill-*organaro* Emmanuele Santucci u 42 skud oħra *per una portatura dell'organo*.[6]

Fl-1810, Bugeja tħallas 88 skud għall-mużika f'jum il-festa: quddiesa, sekondi vespri, kaless u pranzu.[7] Fir-reġistru tal-ħlasijiet tas-sena ta' wara, l-prokuratur Dun Marino Galea ma jsemmix min kien il-*Maestro di Cappella*. Il-mużika fil-quddiesa u t-tieni għasar swiet 92 skud u 6 irbajja'.[8] Fl-1812, ma jissemmiex ħlas għall-mużika interna. L-istess jingħad għas-sena ta' wara meta l-festa ma saritx minħabba li l-knejjes kienu magħluqa kaġun tal-epidemija tal-pesta li ħalliet ħafna mejtin. Fl-1814, il-festa tal-Assunta reġgħet bdiet issir b'mod l-aktar pompuż u l-mużika fiċ-ċelebrazzjoni sollenni interna qamet 98 skud u 9 irbajja'. Il-*Maestro di Cappella* f'dik is-sena ma ssemmiex.[9]



*Il-firma ta' Pietro Paolo Bugeja.*

Bejn l-1815 u l-1825, il-mużika fil-knisja fil-festa tmexxiet minn Paolo Agius, li fl-ewwel sena tiegħu rċieva 92 skud *per Messa e Vespere di Santa Maria*.[10] Pietro Paolo Bugeja bħala *Maestro di Cappella* fil-Mosta nerġgħu nsibuh fl-1826, sentejn qabel ma miet. F'dik is-sena, l-prokuratur Galea ħallas 45 skud lis-Senglean Dun Ġużepp Principato, li wkoll kien attiv fil-kattidral bħala organista, *per Messa e Vespere in Musica a Sac. Don Giuseppe Principato per commissione del Maestro di Cappella Pietro Paolo Bugeja*.[11] Fil-ħames snin ta' wara, *Maestro di Cappella* fil-Mosta kien Dottor Francesco Saverio Imbroll.



*Mro. Pietro Paolo Bugeja*
*(1772 - 1828)*

## IL-MUŻIKA SAGRA

Bugeja ddistingwa ruħu l-aktar fil-mużika sagra. Huwa kiteb kwantita` kbira ta' quddies, salmi, antifoni, innijiet u responsorji, li wħud minnhom jindaqqu fil-knejjes u parroċċi fejn il-Patri Dumnikan Salv Galea hu l-*Maestro di Cappella* u suċċessur ta' din id-dinastija. Fost dawn, insibu l-knejjes parrokkjali tal-Porto Salvo fil-Belt, l-Imqabba, il-Marsa, is-Saco Cuor u Ġesu` Nazzarenu f'Tas-Sliema, l-Furjana, il-knejjes tal-Birgu, ta' Villa Ambrosa fil-Ħamrun u fix-Xagħra, Għawdex.

Il-biċċa l-kbira tal-manuskritti awtentiċi ta' Pietro Paolo Bugeja jinsabu taħt il-ħarsien ta' Patri Salv Galea, għalkemm il-mużika tiegħu hi mifruxa f'bosta arkivji madwar Malta u Għawdex - konferma kemm dan is-surmast kien magħruf. Fost dawn wieħed isib il-***Messa Pastorale in Fa*** miktuba fl-1814, ir-Responsorji tal-Milied komposti fl-1798 u t-Te Deum miktub sena qabel. Għall-festa ta' San Duminku kiteb innu immortali fl-1798 kif ukoll Responsorji għall-istess festa fl-1808. Biss l-aqwa xogħlijiet sagri tiegħu huma l-magħrufa ***Recordare, O Salutaris Hostia*** u l-oratorju sagru, ***Gioas, Re di Giuda*** - xogħol iddedikat lir-Re ta' Spanja. Dan kien kompost fl-1813 fuq librett tal-poeta magħruf Taljan, Pietro


Li 15 Agosto 1826
Io infrascritto ricevo scudi qua-
ranta cinque per Messa e Vespe-
re in Musica. Dico S 45.
Sac. Dr Giuseppe Princi-
pato per commissione del Ma-
estro di Cappella Pietro Paolo
Bugeja — — — — —

*Awwissu 1826 - ħlas ta' 45 skud għall-mużika esegwita minn Dun Ġużeppi Principato,*
***"per commissione del Maestro di Cappella Pietro Paolo Bugeja".***

Metastasio, u kien ġie esgwit sentejn wara fit-Teatru Manoel.

## IL-QASAM TEATRALI

Barra l-kariga ta' *Maestro di Cappella*, Pietro Paolo kien direttur tat-Teatru Manoel, dak iż-żmien magħruf bħala Teatru Rjal. Dan kien fl-istaġun operistiku tal-1806/07, filwaqt li fl-staġun 1815/16 kien ukoll direttur orkestrali u direttur artistiku. Kien ukoll parti mill-*impresa* ta' dan it-teatru fl-istaġuni 1808/09 u fl-1825/26.

Żgur li waħda mill-isbaħ ġrajjiet fil-karriera teatrali ta' Bugeja kienet fl-1824 fl-eżekuzzjoni fit-Teatru Manoel ta' ***Il Prim Omaggio*** - xogħol miktub minnu fuq versi ta' Cesare Vassallo f'ġieħ il-Gvernatur Sir Francis Hastings.

Għalkemm ix-xogħlijiet profani tiegħu huma ftit, xorta fihom tinħass l-abbilta` u t-teknika fl-istil ta' dak iż-żmien. Fost dawn hu kiteb disa' sinfoniji li ġeneralment skond id-drawwa ta' dawk iż-żminijiet, kienu jindaqqu qabel il-quddies, fosthom is-***Sinfonia Pastorale***, is-***Sinfonia No. 7 in Re*** - komposta fl-1805, ***Sinfonia in Do Nella Trame Delusa*** - miktuba fl-1818 u ***Sinfonia in B*** *flat* - komposta tliet snin wara.

Għal *da Camera*, nsibu kwartett għall-flawt, żewġ vjolini u *controbasso* u s-Sonata għall-pjanu - xogħol arkivjat fil-Mużew tal-Kattidral u fil-Kunvent tal-Patrijiet Karmelitani fl-Imdina rispettivament.

Pietro Paolo kien magħruf ukoll għat-tagħlim mużikali u fost l-aljievi tiegħu kellu liż-żewġ uliedu, Filippo u Vincenzo, li komplew fuq id-direzzjoni tiegħu. Kien hemm ukoll Emmanuele Muscat u Luigi Grech Grandolini. Dan ta' l-aħħar kellu rabta intima mal-familja Bugeja tant li fl-arkivju privat tiegħu nstabu xogħlijiet ta' Bugeja.

Pietru Pawl Bugeja kellu rabta intima wkoll mar-raħal tal-Mellieħa. Fil-fatt, mir-reġistri tal-ħlasijiet tas-santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa, nsibu imgħax minn kapital mill-eredi ta' Pietro Paolo Bugeja fuq kapital ta' 65 skud bl-erbgħa fil-mija. Imgħax ieħor kien mill-istess eredi fuq kapital ta' 250 skud fi żmien l-amministrazzjoni ta' Dun Ġużepp Tonna (Novembru 1819 - Diċembru 1931).

Pietro Paolo Bugeja kien miżżewweġ lil Antonia Pulis. Iż-żwieġ sar fit-30 t'Ottubru 1800.[12] Huwa miet fl-eta` ta' 55 sena fit-12 ta' Ġunju 1828, u l-funeral sar l-għada fil-knisja tal-Porto Salvo, il-Belt Valletta, u ndifen fil-Kattidral tal-Imdina.[13]

## IL-BANDA FIL-PURĊISSJONI FI ŻMIEN IL-*MAESTRO DI CAPPELLA* PIETRO PAOLO BUGEJA

Fl-ewwel sena li Bugeja kien *Maestro di Cappella* fil-parroċċa tal-Mosta, l-mużika esterna fil-puċissjoni kienet esegwita mill-banda. Fil-kontijiet ta' dawn is-snin m'hemmx kemm kienet tħaddan daqqaqa u lanqas minn fejn kienet. Il-ħlas dovut għas-servizz kien ta' 17-il skud u 6 irbajja' - sitt irbajja' iżjed mis-sena preċedenti. F'dik is-sena, kien hemm ħlas ta' tliet skudi għad-daqqaqa tat-tanburi u żewġ daqqaqa tal-fifra, l-aħħar sena li ssemma dan it-tip ta' daqqaqa.[14] Fl-1811 u l-1812, il-banda tħallset 25 skud u 24 skud rispettivament filwaqt li fl-1813 ma tissemmiex minħabba li l-festa ma saritx.[15] Fl-1814 insibu ħlas ta' 26 skud u 8 irbajja'.[16] Fl-aħħar sena tas-servizz ta' Bugeja bħala Maestro di Cappella fil-Mosta, l-banda tħallset 7 skudi u 5 irbajja' - somma ferm iżgħar minn dik ta' l-ewwel snin tas-seklu 19.[17]

***BIBBLIJOGRAFIJA:***

Azzopardi Can. John (Ed.): ***Nicolo` Isouard di Malta*** (The Friends of the Cathedral Museum/The Alliance Francaise de Malte, 1991).

Bruni Franco: ***Musica Sacra a Malta***. *Le Cappelle della cattedrale di S. Paolo e della concattedrale di S. Giovanni Battista nel XIX secolo.*

Di Giovanni S.: ***I Quattro Conservatori*** (Remo Sandron, MDCCCCXXIV).

Eynaud Joseph: ***Il teatro italiano a Malta*** (1630 - 1830) (Malta 1979).

Mangion Anthony/Zerafa Karmenu: ***Santa Katerina: il-Festa u s-Soċjeta` mużikali tagħha fiż-Żurrieq*** (Għaqda Mużikali Santa Katerina, Żurrieq, 1989).

Micallef Rosemarie: ***The Bugeja Musicians*** (diss. Faculty of Educ., University of Malta, 1989).

Mifsud Bonnici Robert: ***Mużiċisti u Kompożituri Maltin - Maestri di Cappella tal-Kattidral*** (ABC. 1950).

Rolandi Ulderico: ***Musica e Musicisti in Malta*** (Livorno, 1932).

Xuereb Paul: ***The Manoel Theatre: a short history*** (1994).

D'Anastas Noel: ***Francesco Azopardi (1748 - 1809) Maestro di Cappella fil-Mosta: ħajtu u ħidmietu*** (Soċ. Fil. Nicolo` Isouard, Mosta 1995).

L-istess awtur: ***L-attivita` mużikali fil-Mellieħa matul is-Seklu Dsatax*** (Programm tal-Festa tal-Vitorja, 1995).

L-istess awtur: ***Luigi Grech Grandolini u l-Arkivju Mużikali tal-Mellieħa.***

Grech Grazzio A.: ***Mużiċisti li ħadu sehem fil-mużika f'Għawdex*** (1720 - 1830) (Programm ta' Santa Marija, Rabat Għawdex, 1989, Nru. 10).



***Ħajr:***

Henry Bonanno, Joe Catania, Saviour Dimech, Charlie Schembri u Tony Terribile.


***Noti u Referenzi:***

1. Arkivju Parrokkjali (A.P.) San Paolo. Valletta Lib. Bapt. Vol. Xi (1766 - 1776) f. 336. Il-parrinijiet kienu Giuseppe Frendo (iben il-mejjet Gio. Maria u Rosa, armla ta' Marc'Antonio Pace) - it-tnejn mill-Belt. Ngħata l-ismijiet ta' Pietro Paolo, Filippo u Vincenzo. Iż-żwieġ tal-ġenituri tiegħu - Salvatore Bugeja (iben il-mejjet Giuseppe u Paola) u Gaetana Bugeja (bint il-mejjet Ambrosio u Anna) sar fil-knisja parrokkjali ta' Ħaż-Żebbuġ fil-25 ta' Jannar 1763. Ix-xiehda kienu Filippo Micallef (iben il-mejjet Alberto) u Giovanni Zammit (iben il-mejjet Pietro) - it-tnejn minn Ħaż-Żebbuġ [A.P. San Paolo. Valletta Lib. Matr. Vol. VIII (1748 - 1766) p. 506].
2. A.A.M. Kurja Floriana: *Stati Liberi*, Piertro Bugeja (1800).
3. A.C.M. Dep. 49 (1818 - 1820) f. 1139.
4. A.P. Mosta, *Libro Esito, Veneranda Lampade* (1776 - 1837) p. 302.
5. ibid. p. 295.
6. ibid. pp. 293, 296.
7. ibid. p. 314.
8. ibid. p. 321.
9. ibid. p. 340.
10. ibid. p. 347.
11. ibid. p. 419.
12. A.P. San Paolo. Valletta Lib. Matr. Vol. XI (1793 - 1804) f. 296. Ix-xiehda kienu Antonio Cachia (iben il-mejjet Gio. Domenico) u Lorenzo Mangion (iben il-mejjet Giuseppe) - it-tnejn jgħixu l-Belt.
13. A.P. Porto Salvo, Valletta Lib. Mort. Vol. VIII (1805 - 1830), f. 348v.
14. A.P. Mosta. *Libro Esito, Veneranda Lampade* (1776 - 1837) p. 314.
15. ibid. 1811 p. 321; 1812 p. 328.
16. ibid. p. 340.
17. ibid. p. 419.


GĦAL XORB ĠENWIN U APPETIZERS KULJUM EJJEW



BAR TAL-KAŻIN NICOLÒ ISOUARD
FEJN SANDRO U QUINTON
JILQGĦUK F'ATMOSFERA TA' ĦBIBERIJA U FAMILJARI.

*AWGURI GĦAL FESTA MILL-AQWA*
*LILL-MOSTIN KOLLHA*